MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 490/1999/1

**Carmelo u Victoria Bianco**

**Vs**

**Joseph Sant**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess :

Peress illi l-konvenut kien jikri minghand l-atturi l-fond f’San Pawl il-Bahar, Triq l-Erba’ Mwiezeb, numru disgha ittra “C” (9C);

U peress illi l-konvenut ghamel hafna hsara fil-fond u ghalhekk l-attrici ipprezentat rikors quddiem il-Bord li

jirregola l-kera u talbet li l-konvenut ikun zgumbrat mill-fond minhabba f'hekk;

U peress illi l-Bord, b'sentenza moghtija fis-26 ta' Gunju, 1996 laqa' t-talba u ordna l-izgumbrament tal-konvenut ghax sab illi fil-fond kien hemm hsarat konsiderevoli u illi ghal dawn il-hsarat kien jahti l-konvenut; din is-sentenza tal-Bord kienet konfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-11 ta' Dicembru, 1997;

U peress illi l-konvenut kien imsejjah kemm-il darba biex jaghmel tajjeb ghal dawn il-hsarat, kif hu obbligat taht l-art. 1561 tal-Kodici Civili, izda ghalxejn, ghax, minkejja s-sentenzi kontra tieghu tal-Bord li jirregola l-kera u tal-Qorti ta' l-Appell, hu baqa' jichad ir-responsabbilta' tieghu ghall-hsarat, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

U peress illi l-ispejjez biex jissewwew il-hsarat li ghamel il-konvenut huma ta' tlett elef u hamsin lira u disa' centezmi (Lm3,050.09), kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti:

1. Tghid illi hu ghandu jwiegeb ghat-tgharriq u ghall-hsarat li graw fil-fond numru 9C, Triq l-Erba' Mwiezeb, San Pawl il-Bahar, waqt li dan il-fond kien mikri lilu;

2. Tillikwida d-danni li sofrew l-atturi minhabba dawn il-hsarat u tgharriq, billi tghid li jikkonsistu kemm fl-ispejjez ta' tlett elef u hamsin lira u disa' centezmi (Lm3,050.09) sabiex il-hsarat issewwew u kif ukoll fit-telf ta' l-uzu tal-fond sakemm il-hsarat issewwew, u, jekk ikun il-kaz, tahtar periti sabiex jaghmlu din il-likwidazzjoni; u

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni likwidati skond it-tieni talba;

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji tas-7 ta' Frar, 1998, ta' l-24 ta' Marzu, 1998, tal-20 ta' Ottubru, 1998 u ta' l-1 ta' Dicembru, 1998, kontra l-konvenut, li hu mharrek ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 80 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, ghar-ragunijiet segwenti.

2. Illi l-hsara li rrizultat fil-fond ma kienitx kagonata minnu, izda kienet konsegwenza diretta tax-xoghol u materjal hazin li sar u ntuza meta nbena l-fond u s-saqaf tieghu. Il-pariri li taw il-periti quddiem il-Board tal-Kera kien superficjali u rresponsabbli kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni.

3. Illi huwa dejjem ghamel il-manutenzjoni rikjesta, u naqas li jaghmel dan meta l-atturi cahduh milli jitla’ fuq il-bejt ghal dak l-iskop.

4. Illi l-esponent ippropona li l-perit tieghu jiltaqa’ mal-perit tal-atturi biex jiddiskutu professjonalment, izda l-atturi ma accettawx din il-proposta.

5. Illi, sussidjarjament u minghajr pregudizzju, s-somma mitluba hija eccessivament esagerata, kemm meta paragonata mas-somma inizjalment pretiza mill-atturi, u kemm meta tittiehed in konsiderazzjoni max-xogholijiet li kienu necessarji ghal-kaz.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet a fol 100/101 li bih gie nominat il-Perit Joseph Jaccarini;

Rat is-sentenza preliminari a fol 227;

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku a fol 237;

Rat in-noti tal-partijiet;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Din il-kawza hija dwar talba ghal hlas ta' danni fl-ammont ta' Lm3,050.09 li l-atturi sofrew minhabba hsarat li gew kagjonati mill-konvenut fil-fond mikri ghandu numru 9C, Triq l-Erba' Mwiezeb, San Pawl il-Bahar. Il-konvenut wiegeb li mhux responsabbili ghal dawn il-hsarat u pprezenta l-istess eccezzjonijiet li gie ressaq quddiem il-Bord tal-Kera u l-Qorti ta' l-Appell.

Kien gie prezentat rikors quddiem il-Bord tal-Kera li laqa' t-talba tar-rikorrenti u ordna l-izgumbrament tal-konvenut mill-fond in kwistjoni billi kien instab li kien ikkawza hsarat konsiderevoli fil-fond (fol 9 et seq). Dina s-sentenza giet konfermata fl-Appell. (Dok a fol 18 ).

**Rapport**

Il-perit tekniku nominat minn dina l-Qorti llimita r-rapport tieghu, fuq ordni ta' dina l-Qorti in vista tad-decizjoni taghha tat 8 ta' Ottubru 2004 (fol 227 et seq), ghal kwistjoni dwar il-likwidazzjoni tad-danni billi l-kwistjoni tar-responsabilita' kienet giet deciza mill-Bord li jirregola l-Kera, mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell u mis-sentenza in parte ta' dina l-Qorti hawn imsemmija.

Il-perit tekniku kkonkluda li biex jittranga l-post kien hemm bzonn tas-somma ta' Lm3,378.89. Din is-somma ghalkemm akbar fl-ammont minn dik mitluba fic-citazzjoni mill-atturi tista tigi konsidrata bhala wahda gusta u verosimili ghax-xoghol li kien involut mill-gdid fil-fond.

Il-fond kien mikri lill-konvenut ghal zmien twil u l-post inghata lura lill atturi fit-12 ta' Jannar 1998 wara s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell. Ix-xoghol ta' rikostruzzjoni tas-saqaf u tlestija tieghu minn kull sengha ohra involuta x'aktarx li kienet ghal nofs ix-xahar ta' Gunju 1998, jigifieri l-atturi tilfu l-uzu tal-fond ghall-cirka sitt xhur. Dan ilfisser li

l-kumpens ghat-telf ta' uzu tal-fond kien ta' circa Lm120 bazat fuq kiri ta' fond simili f'San Pawl il-Bahar.

Il-konvenut ma qabilx mar-rapport tal-perit tekniku. Hu qajjem dawn il-punti.

**Responsabilita'**

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-konvenut talab biex dina l-Qorti terga tikkunsidra l-opportunita' li jigu nominati esperti indipendenti halli jigu stabbiliti fatti dwar ir-responsabilita' tal-konvenut u partikolarment fatt tant importanti li fl-ahhar sentejn li kellu l-pussess tal-fond "de quo" l-konvenut ma ghamilx manutenzjoni ghaliex l-atturi ippreKludewh milli jitla' fuq il-bejt. Ghalhekk talab li qabel ma tinghata s-sentenza jsiru sottomissjonijiet verbali.

L-atturi opponew dina t-talba ghaliex (1) dina l-Qorti diga tat sentenza in parte fit-8 ta' Ottubru 2004 fejn iddecidiet li "l-kwistjoni dwar responsabilita' ghad-danni llum hija materja deciza (res iudicata) . . . u mhux il-kaz ghalhekk li jsiru accertamenti teknici ulterjuri kif qed jitlob il-konvenut. (2) Il-konvenut m'appellax minn dina s-sentenza in parte u ghalhekk ghadha torbtu. (3) Il-partijiet kienu ddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi u anke saru noti ta' osservazzjonijiet u ghalhekk il-konvenut ma jistax jerga jiftah il-gbir tal-provi.

Apparti l-mod kif u meta saret it-talba fin-nota t'osservazzjonijiet, il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba tal-konvenut minhabba r-ragunijiet elenkati mill-atturi imma principalment billi l-kwistjoni dwar ir-responsabilita' hija materja deciza.[1] Fil-fatt dina t-talba kienet saret quddiem il-Qorti ta' l-Appell u dika l-Qorti kienet ikkonfermat id-decizjoni tal-Bord tal-Kera u kienet qalet li ma kienx hemm lok ghal accertamenti tecknici ulterjuri kif talab il-konvenut

[1] Decide: Illi ghalhekk dina l-Qorti tikkonkludi u tiddeciedi li l-kwistjoni dwar ir-responsabilita ghad-danni illum hija materja deciza (*res iudicata)* u jonqos biss il-kwistjoni tal-likwidazzjoni tad-danni, haga li qed tigi ezaminat mill-espert tekniku gja nominat, il-Perit Jaccarini. Mhux il-kaz ghalhekk li jsiru accertament teknici ulterjuri kif qed jitlob il-konvenut. (fol 231).

(ara fol 222). Il-konvenut ippersista b'dina t-talba anke quddiem dina l-Qorti li pero' diga giet michuda (fol 231), ghalhekk m'hemmx lok issa li jsiru accertament teknici ulterjuri.

Kwantu ghas-sottomissjoni tal-konvenut li l-Perit tekniku ma hax in konsiderazzjoni dak li xehed il-perit Caruana Montaldo, il-Qorti tirrileva li l-perit tekniku ppremetta fir-relazzjoni tieghu li hu kien qed jillimita r-relazzjoni tieghu ghall likwidazzjoni tad-danni billi l-kwsitjoni dwar ir-responsabilita' kienet gja deciza. Ghalhekk ma kienx hemm lok li jidhol fil-mertu ta' dak li xehed il-Perit Caruana Montaldo li principalment kien qed jinsisti li ghandhom isiru testijiet fuq *samples* tas-saqaf li tah il-konvenut.

**Danni**

Ghalkemm il-perit tekniku llikwida d-danni fl-ammont ta' Lm3,378.89 t-talba ta' l-atturi hija biss ghall Lm3,050.09 u fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom l-atturi accettaw li t-talba taghhom tkun limitata ghal dana l-ammont .

**Nuqqas ta' uzu tal-fond.**

Dwar dina t-talba, il-perit tekniku kkonkluda li hu dovut l-ammont ta' Lm120 lill atturi ghal telf ta' uzu tal-fond sakemm dana dam biex jigi riparat.

Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza Bonnett vs Lewis App deciz 1 ta' Marzu 1994 : "Il-Qorti, sakemm ma jigux indikati oggezzjonijiet gravi u serji ta' piz tali li jinducuha li tissostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dak tat-tekniku, dan ma taghmlux." U " larament ghandha l-Qorti tiddisturba l-gudizzju ta' espert tekniku jew mediku sakemm ma jezistux ragunijiet gravi u serji biex taghmel dana".

Il-Qorti, wara li ra r-relazzjoni u ezaminat il-provi, hija tal-fehma li l-konkluzzjonijiet raggjunti mill-perit tekniku huma gusti u korretti u tikkondividihom u taghmilhom taghha.

Il-Perit nominat minn dina l-Qorti ghalhekk ikkonkluda li wara li ha in konsiderazzjoni x-xoghol kollu li sar mill-atturi hu tal-opinjoni li t-talbiet attrici maghmula fic-citazzjoni u kontenuti fil-para (2) u (3) ghandhom jigu accettati mill-Qorti. L-ewwel talba giet deciza bis-sentenza *in parte* tat-8 ta’ Ottubru 2004. L-eccezzjonijiet tal-konvenut fic-dawl ta’ dak deciz m’ghandhomx jinghataw konsiderazzjoni.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tiddikjara li l-konvenut ghandu jwiegeb ghat-tgharriq u ghall-hsarat li graw fil-fond numru 9C, Triq l-Erba’ Mwiezeb, San Pawl il-Bahar, waqt li dan il-fond kien mikri lilu;
Tillikwida d-danni li sofrew l-atturi minhabba dawn il-hsarat u tgharriq, fis-somma ta’ tlett elef u hamsin lira Maltin u disa’ centezmi (Lm3,050.09) sabiex il-hsarat issewwew kif ukoll fis-somma ta’ mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) ghall telf ta’ l-uzu tal-fond sakemm il-hsarat issewwew;
Tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni likwidati.
Bl- ispejjez u bl-imghax mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------